MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 129/2011

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal,**

Ra l-Appell ipprezentat minn XXX quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fit-30 ta' Lulju 2009 u in segwitu trasferit ghal quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-istima mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghas-sena ta' stima 2001 tigi kkancellata, inkluz ukoll il-penali u l-interessi, stante li: (i) l-istima hija preskritta peress li harget oltre t-termini prefissi fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa 1994; (ii) l-istima hija invalida fil-fatt u fid-dritt; u (iii) il-Kummissarju tat-Taxxi Interni naqas milli jindirizza l-aggravju sollevat fl-Oggezzjoni ghall-istima;

Ra r-Rifjut ta' l-Oggezzjoni mill-Kummissarju datat 10 ta' Lulju 2009 a fol. 5 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjoni ta' l-10 ta' Lulju 2009, il-likwidazzjoni tat-taxxa ghas-sena ta' stima 2001 hija gusta u jisthoqqilha konferma;

Ra li waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2011 il-partijiet kontendenti talbu lit-Tribunal sabiex minkejja dak provdut fil-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, jittratta u jaghti decizjoni dwar l-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrent qabel ma jittratta l-meritu ta' dan l-Appell;

Ra l-affidavit ta' Neil Piccinino pprezentat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2011 markat Dok. "KTI1" a fol. 20 sa' 22 tal-process u id-dokumenti annessi mieghu markati Dok. "A" sa' Dok. "H" a fol. 23 sa' 64 tal-process, sema' x-xhieda ta' Joseph Sammut moghtija waqt is-seduti tas-27 ta' Marzu 2012 u tas-17 ta' Mejju 2012[1];

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-15 ta' Lulju 2012 u ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mir-Rikorrent u d-dokumenti annessi maghha fis-7 ta' Settembru 2012;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'Avviz ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni mill-Kummissarju datat 10 ta' Lulju 2009[2] ir-Rikorrent gie infurmat li l-oggezzjoni tieghu ghall-Likwidazzjoni ghas-sena ta' stima 2001 ma gietx milqugha ghaliex *int inqast li tiddikjara d-dhul kollu li ghamilt mill-bejgh tal-forn, makkinarju u ngenji. Int inqast ukoll li tipprovdi evidenza dokumentata ta' spejjez li int allegatament ghamilt fis-sit mibjugh* u li ghalhekk ghall-

[1] Fol. 68 sa' 74 tal-process.
[2] Fol. 5 tal-process.

imsemmija sena ta' stima hija dovuta minnu taxxa fl-ammont ta' €151,970 skond kif determinat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Bl-Appell odjern ir-Rikorrent qed jikkontesta dik id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' taxxa fl-ammont €151,970 ghas-sena ta' stima 2001 u jitlob li l-Likwidazzjoni in kwistjoni, inkluz il-penali u l-interessi, tigi ikkancellata stante li: (i) il-Likwidazzjoni datata 20 ta' Dicembru 2006 hija preskritta in kwantu harget oltre t-termini ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa 1994; (ii) il-Likwidazzjoni hija invalida fil-fatt u fid-dritt; u (iii) il-Kummissarju tat-Taxxi Interni naqas milli jindirizza l-aggravju ta' l-oggezzjoni sollevata minnu.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), jilqa' ghat-talba tar-Rikorrent billi jikkontendi li ghar-ragunijiet moghtija fir-Rifjut ta' l-Oggezzjoni datat 10 ta' Lulju 2009, il-Likwidazzjoni tat-taxxa ghas-sena ta' stima 2001 hija gusta u jisthoqqilha konferma. Apparte minn hekk waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2011, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ddikjara li t-talba tieghu ghall-hlas ta' taxxa fil-konfront tar-Rikorrent ma hijiex preskritta ai termini ta' l-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fehma tat-Tribunal, fehma del resto kondiviza mill-partijiet kontendenti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2011[3], l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata u deciza qabel ma jigi trattat il-meritu ta' l-Appell in ezami hija dik sollevata mir-Rikorrent bl-ewwel aggravju tieghu, u cioè li l-Likwidazzjoni ghas-sena ta' stima 2001 hija preskritta stante li nharget oltre t-termini preskritti fil-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa minnu li ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(b) ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva bis-sahha ta' l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Att, it-Tribunal ghandu jaghti d-decizjonijiet tieghu kemm jista' jkun malajr u ghal dan il-ghan ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza, kemm jekk ikunu ta' natura preliminari,

[3] Fol. 16 tal-process.

procedurali jew sostantiva izda, fi proceduri bhal dawk odjerni li huma proceduri piuttost teknici u dettaljati huwa iktar opportun – partikolarment f'termini ta' tul ta' zmien – li punti preliminari bhal dak sollevat mir-Rikorrent fl-ewwel aggravju tieghu, fejn qed tigi kontestata l-validità *per se* tal-Likwidazzjoni kontestata, jigu trattati u decizi qabel ma jigi trattat il-mertu tal-proceduri.

Ir-Rikorrent jibbaza l-aggravju tal-preskrizzjoni fuq dak provdut fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *stima jew stimi addizzjonali ghal xi sena ta' stima taht is-subartikolu (5) ghandha ssir jew ghandhom isiru mhux iktar kmieni miz-zmien preskritt taht l-artikolu 10(1) sabiex jintbaghat il-prospett ta' l-income ghal dik is-sena u mhux iktar tard minn hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbaghat prospett ta' l-income jew prospett ulterjuri ghal dik is-sena jew li fiha tkun saret ghazla taht l-artikolu 12 ghal dik is-sena*. Huwa jikkontendi li l-Likwidazzjoni ghas-sena ta' stima 2001 harget oltre t-terminu ta' hames snin prefiss fl-imsemmi artikolu tal-Ligi ghaliex ghalkemm il-Likwidazzjoni inharget fl-**20 ta' Dicembru 2006**[4], u ghalhekk entro t-terminu ta' hames snin minn meta ssottometta l-prospett ta' *income* tieghu ghal dik is-sena ta' stima[5], din giet notifikata lilu fil-**5 ta' Jannar 2007**[6], ossia oltre t-terminu ta' hames snin minn meta ssottometta l-prospett ta' *income* tieghu ghas-sena ta' stima 2001.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), da parte tieghu invece jikkontendi li fil-kaz in ezami t-terminu prefiss fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax stante li jissussistu c-cirkostanzi previsti fl-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) meta persuna: (a) tkun baghtet prospett jew prospetti lill-Kummissarju u fihom ma tkunx zvelat il-fatti materjali kollha rilevanti ghalbiex jigi determinat l-income u t-tnaqqis permess; jew (b) bil-ghan li tigi evitata t-taxxa jew bi traskuragni kbira jew konsapevoli tkun*

[4] Dok. "A" a fol. 23 tal-process.
[5] Dok. "C" a fol. 26 sa' 29 tal-process.
[6] Dok. "B" a fol. 25 tal-process.

*baghtet lill-Kummissarju prospett li ma jkunx korrett u qarrieqi f'xi aspett materjali, stima jew stima addizzjonali taht is-subartikolu (5) tista' ssir f'kull waqt wara z-zmien stipulat skont ma hemm f'dan l-Att ghar-rigward tal-konsenja tal-prospett ta' l-income ghal dik is-sena.* Il-Kummissarju jissostanzja l-pretensjoni tieghu bl-affidavit ta' Neil Piccinino a fol. 20 sa' 22 tal-process u b'numru ta' dokumenti annessi mieghu a fol. 23 sa' 64 tal-process.

Apparte milli jinvoka l-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju jikkontendi ukoll li l-interpretazzjoni moghtija mir-Rikorrent ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li Likwidazzjoni ta' taxxa mahruga ai termini ta' l-Artikolu 31(5) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi ghandha tinhareg **u** tigi notifikata entro terminu ta' hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbaghat prospett ta' l-*income*, hija ghal kollox zbaljata ghaliex l-intenzjoni tal-Legislatur kienet u hija li entro t-terminu ta' hames snin prefiss fil-Ligi l-Kummissarju **johrog** il-Likwidazzjoni ta' taxxa izda mhux necessarjament jinnotifika l-istess lit-*taxpayer*.

F'tali rigward fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jikkontendi li *l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 … huwa car meta jghid li stima ghandha ssir entro l-perjodu ta' hames snin minn tmiem is-sena li fiha jkun intbaghat il-prospett ta' l-income, li fil-kaz odjern kien jiskadi fil-31 ta' Dicembru 2006, izda fl-ebda hin ma jghid li tali stima mhux talli ghandha tinhareg izda ghandha ukoll tigi nnotifikata lill-persuna kkoncernata. Illi fl-umli fehma tal-Kummissarju hawn appellat l-interpretazzjoni legalment korretta ta' l-artikolu 31(6) tal-Kap.372 hija li kull stima jew stimi addizzjonali maghmula skont id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31(5) tal-Kap.372 ghandha tinhadem entro t-terminu ta' hames snin minn tmiem is-sena li fiha jkun intbaghat il-prospett tal-income u mhux li ghandha tinhadem u ghad-dirittura tigi innotifikata lill-persuna kkoncernata. Illi l-Kummissarju hareg l-istima tieghu fl-20 ta' Dicembru 2006 u din intbghatet fis-27 ta' Dicembru 2006 u ghaldaqstant entro t-terminu impost mill-Ligi. Illi ghalhekk, ladarba l-istima tkun inhadmet u nharget mill-Kummissarju hawn appellat huwa jkun issodisfa l-*

*obbligi tieghu ai termini ta' l-artikolu 31(6) tal-Kap.372 u jsegwi li ladarba l-Kummissarju johrog l-istima, huwa ghandu jinnotifika lil persuna kkoncernata b'tali stima kif fil-fatt ghamel meta huwa hareg l-istima fis-27 ta' Dicembru 2006. Illi fl-ahhar mill-ahhar in-notifika ta' stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi ma tiddependix fuq il-volontà tieghu o meno in kwantu jista' jqumu cirkostanzi fejn l-persuna kkoncernata ma tinstabx fl-indirizz provdut minnha. Illi filwaqt li l-Kummissarju tat-Taxxi ghandu kull poter u obbligu li jahdem kull stima jew stima addizzjonali entro t-terminu preskritt fil-Ligi u filwaqt li huwa ghandu wkoll kull poter u obbligu li jibghat l-imsemmija stima jew stima addizzjonali kif jiddisponi l-artikolu 33(1) tal-Kap.372, huwa zgur m'ghandux il-poter li jizgura li dik l-istima jew stima addizzjonali tigi validament notifikata entro t-terminu preskritt fil-ligi inkwantu l-fatt li persuna ma tigix notifikata ma jistax jigi attribwibbli lill-esponent. Illi tali interpretazzjoni ghandha l-potenzjal li tohloq pregudizzju serju fis-sens illi kull ma ghandu jaghmel taxpayer biex ma jigix notifikat bi stima kontra tieghu huwa li jevita li jigi nnotifikat sakemm jiddekorri t-terminu preskrittiv ta' hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien inbaghat prospett ta' l-income u din certament ma kienetx l-intenzjoni tal-legislatur in kwantu tali interpretazzjoni tista' taghti lok ghal abbuz. Illi huwa fatt mhux kontestat li l-istima tal-Kummissarju hawn appellat inharget ai termini fl-20 ta' Dicembru 2006 u cioè entro t-terminu ta' hames snin impost mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31(6) tal-Kap.372 u in oltre, fis-27 ta' Dicembru 2006 bghat l-istima tieghu b'mod korrett fl-indirizz ta' l-appellant fejn huwa gie notifikat biha fil-5 ta' Jannar 2007 u cioè entro zmien ragjonevoli mid-data li fiha skada t-terminu impost mill-artikolu 31(6) tal-Kap.372. Illi l-Kap.372 ma jistabilixxix terminu fiss saibex issir in-notifika ta' stima jew stimi addizzjonali li ghalihom jaghmel referenza l-artikolu 31 tal-Kap.372 u f'tali kuntest ghandu jigi premess li b'analogija, ssir referenza ghad-disposizzjonijiet tal-ligi generali u cioè ghall-artikolu 2130(1) tal-Kap.16 li jipprovdi kif gej: "il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika ta' l-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni". Illi b'referenza ghal din id-disposizzjoni tal-Kap.12* [recte: Kap.16] *ghandu*

*jigi koncess li fl-ordinament guridiku taghna 'xahar ghandu jibda' jghodd mill-ahhar jum zmien li hemm ghal-preskrizzjoni" certament huwa zmien ragjonevoli li ghandu f'kull kaz jigi koncess sabiex stima jew stimi addizzjonali maghmula skont id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31(5) tal-Kap.372 tigi nnotifikata lill-persuna li dwarha tkun saret l-istima. Illi jirrizulta car mill-pink form annessa ma' l-affidavit ta' Neil Piccinino li l-appellant XXX gie notifikat fil-5 ta' Jannar 2007 u cioè hamest ijiem biss mill-eghluq tat-terminu ta' hames snin impost mill-artikolu 31(6) tal-Kap.372 u fuq liema disposizzjonijiet l-appellant qed jallega li l-istima kontra tieghu hija preskritta*[7].

Fir-rigward tas-sottomissjonijiet avvanzati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni t-Tribunal jaghmel referenza specifika ghall-appell fl-ismijiet **Paul Ciantar v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Rik. Nru.3/10** deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) b'sentenza pronuncjatafit-18 ta' Gunju 2010, fejn il-Qorti ta' l-Appell trattat dwar sottomissjonijiet tal-Kummissarju pratikament identici ghal dawk minnu sollevati f'dawn il-proceduri fil-kuntest ta' l-interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) osservat illi: *il-kummentaturi lokali prevalenti f'materja fiskali jirritjenu, fid-dawl tad-dixxiplina akkolta taht il-ligi fiskali vigenti, u, in ispecje, ta' dak dettat fl-Artikolu 31 (6) tal-Kapitolu 372, illi t-terminu ta' hames snin f'dan l-artikolu ikkontemplat huwa wiehed ta' preskrizzjoni. Ara para. 26.3.iii relattiv ghal "post 1999 assessments" fl-opra **"Direct Taxation Manual", 2009**, ippubblikata mill-Malta Institute of Taxation. Similiment taht ir-ras **"Powers of the Revenue upon the Receipt of a Return"** fl-opra ta' l-Avukat Dottor Robert Attard "Principles of Maltese Tax Law", 2008, pagna 143. Salv ghal dak li ser jinghad aktar l-isfel, evidentement, dik il-preskrizzjoni (jekk inhi hekk), bhala modalita` ta' estinzjoni, ghandha b'esigenza li tassikura c-certezza fir-rapporti guridici-fiskali, u dan skond prospettiva li tassorbi in se kull esigenza ohra. Tqum hawn il-kwestjoni jekk allura dik l-istess preskrizzjoni ghandhiex tinftiehem fis-*

[7] Para. 3 sa' 13 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-Intimat.

*sens wiesgha interpretat mill-Bord jew, invece, skond it-tifsira restrittiva akkordata mill-Kummissarju appellant.Meta wiehed jitkellem dwar interpretazzjoni f'sens restrittiv huwa intiz limitatament s-sinjifikat precettiv kontenut fid-disposizzjoni tal-ligi. F'sens ampju, l-interpretazzjoni ghandha b'necessita tinftiehem bhala d-determinazzjoni ta' dik ir-regola ta' dritt li tikkomprendi, oltre t-tifsira fis-sens ristrett, anke l-individwazzjoni, jew ahjar, l-integrazzjoni, tal-lakuni legislattivi riskontrabbli fl-ordinament guridiku fuq l-istregwa tal-principji u tal-valuri fundamentali. Sa recentement hafna din il-Qorti kellha l-opportunita taghmel din l-osservazzjoni:- "Fil-ktieb tieghu "An introduction to Income Tax Theory" (Ed. 2005), l-awtur Dr. Robert Attard iponi d-domanda importanti jekk l-interpretazzjoni taht l-Income Tax Act ghandhiex issir fis-sens letterali jew fis-sens teleologiku (ara footnote 10 pagna 26). Bl-adozzjoni ta' dan l-ahhar kriterju l-interpetazzjoni tfisser li l-kontenut tan-norma tal-ligi jikkonnetti ruhu in definittiva ghal dak il-fini li l-legislatur kellu f'mohhu li jippersegwi permezz taghha. ... Dan jinneccessita, s'intendi, li wiehed jaghmel riferiment ghall-iskop li ragjonevolment, fuq l-istregwa tal-valuri espressi minn norma partikolari u fil-mument storiku ta' l-introduzzjoni taghha, kien hekk mahsub li jkun persegwit" (ara **"Edward Privitera -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni", 9 ta' April, 2010**). Bl-adoperu ta' dan il-kriterju objettiv-teleologiku wiehed jevinci illi l-interpretazzjoni tal-Bord tad-disposizzjoni partikolari ghandha tinghata preferenza fuq dik ta' l-appellanti. **In linea ta' massima skond il-fehma ta' din il-Qorti l-kliem "<u>ghandha ssir</u>" ("shall be made" fit-test bl-Ingliz) jimportaw, fis-sinjifikat estiz taghhom, illi t-terminu ta' hames snin ma ghandux ikun wiehed sempliciment ristrett ghalbiex tinhadem l-istima jew l-istima addizzjonali imma, ukoll, li tinkorpora t-twassil taghha lit-taxpayer, f'liema kaz is-sinjifikat tekniku mill-Bord profess ghandu jipprevali fuq dak merament lingwistiku restrittiv ta' l-appellanti. Mod iehor ma jaghmelx sens ghaliex allura jkun ifisser illi jiddependi b'mod esklussiv mill-volonta unilaterali tal-Kummissarju meta, u f'liema zmien ghandha titwassal u tigi notifikata dik l-istima, u dan ma jidherx li hu wisq***

***ragjonevoli skond l-ispirtu informatur tal-ligi. Kif taraha din il-Qorti, id-disposizzjoni relattiva [Artikolu 31 (6)] ma tistax tizvolgi l-funzjoni restrittiva tal-portata semantika ta' l-espressjoni wzata, kif hekk jippretendi l-appellanti, ghaliex inkella jezisti r-riskju li wiehed jitlef di vista l-iskop li, oggettivament, ghandu jkun rikonoxxut jew mislut bhala dak segwit mil-legislatur. Dan kollu qieghed jigi rilevat ghaliex l-interpretazzjoni letterali li jittanta jaghti l-Kummissarju ma twassalx ghall-ezitu car u inekwivoku, almenu ghal dak relattiv ghal kamp prettament fiskali li fih topera d-disposizzjoni. Certament, ma jidherx li kien fi hsieb il-legislatur li jhalli vojt in mertu ghan-notifikazzjoni ta' l-istima fit-terminu taz-zmien prefiss fid-disposizzjoni kif hekk donnu jinsinwa l-Kummissarju appellant fejn jissottometti illi l-Kapitolu 372 ma jiffissa ebda terminu fiss sabiex issir in-notifikazzjoni. Fiz-zgur ukoll, ma jidherx lanqas li kien fil-forma mentis tal-legislatur, meta ddetta l-ligi, illi l-vojt jigi kolmat bl-istrument ta' interpretazzjoni analogika permezz ta' applikazzjoni jew referenza ghal xi norma tal-ligi civili komuni, kif hekk qed jippretendi l-appellanti li ghandu jkun[8].*** *Ikollu jinghad illi b'ragonament bhal dan wiehed mhux biss ikun qed jesorbita mill-kamp ta' l-interpretazzjoni proprja, izda jkun qieghed ukoll jittanta, permezz tal-procediment anologiku, jillimita s-sinjifikat veru tan-nukleu centrali ampju ta' l-espressjoni fl-Artikolu 31 (6) predett. Is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, tas-26 ta' Novembru, 1956 fl-ismijiet* ***"Raffaele Said et -vs- Joseph Mifsud Bonnici nomine"****, tirrikonoxxi fuq it-taghlim ta' l-Avv. Guido Capitani fil-monografija tieghu* ***"Analogia"****, id-distinzjoni markata bejn l-interpretazzjoni estensiva u l-analogija bil-mod segwenti:- "L'interpretazione estensiva, senza colmare una lacuna nella legge, ne applica una particolare disposizione a tutti i casi compresi logicamente nella sfera di essa; il procedimento per analogia, invece, ha luogo quando si presenta un nuovo negozio giuridico, in ordine al quale manca del tutto una precisa disposizione di legge, allo scopo appunto di supplire a tale*

[8] Enfasi tat-Tribunal.

*mancanza fondandosi sull'unita` organica del diritto". U aktar 'il quddiem l-istess awtur ikompli jghid illi "l'interpretazione analogica presuppone una lacuna alla legge, la mancanza di una precisa disposizione da applicare al caso concreto; l'interpretazione estensiva, invece, si svolge intorna ad un testo di legge positiva per trarre tutte le deduzioni di cui il medesimo e` capace". U ghalhekk l-istess awtur jigbed il-konsegwenza li hemm interpretazzjoni analogika fil-kaz biss "che sia accertato che la controversia non e` contemplata espressamente, ne` compresa per implicito, da nessun disposto legislativo (Dig. Ital., voce citata paragrafi 11, 16 u 17)". Jekk hemm bzonn jigi ripetut fil-kaz in disamina il-process analogiku mhux dak konsentit.* ***Hemm imbaghad aspett iehor il-ghala, fil-hsieb tal-Qorti, ir-rikorrenza ghall-artikolu relattiv tal-Kodici Civili citat mill-appellanti ma jiswiex b'analogija ghall-fattispeci. Minn kif jidher li hu l-kaz, it-terminu kwinkwennali ghal liema jirreferi l-Artikolu 31 (6) mhux lanqas preskrizzjonali izda pjuttost wiehed perentorju u dekadenzjali. U la dan huwa hekk, igib li dak l-istess terminu ma jistax jigi prorogat, in difett ta' previzjoni normattiva espressa, ghall-fini tan-notifikazzjoni ta' l-istima, jekk dak it-terminu ma jkunx gie rispettat. Bi twegiba ghal certa sottomissjoni ohra ta' l-appellanti – dik proprju fejn jesprimi li hu ma kellu ebda kontroll ghaliex ma saretx in-notifika – tali hu l-kaz, kwalunkwe hi l-kawza li tkun impedit in-notifika tempestiva tan-notifikazzjoni, in kwantu hawn si tratta minn dixxiplina li minnha nfisha ggib maghha konsegwenzi negattivi. Jikkonsegwi minn dan kollu premess illi s-sottomissjoni ta' l-appellanti f'dan il-kuntest ma tistax tigi akkolta***[9].

It-Tribunal jaqbel perfettament mal-precitati osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) u ghalhekk ghall-istess ragunijiet Minnha esposti fis-sentenza "Ciantar v. kummissarju tat-Taxxi Interni"' iqis li s-sottomissjonijiet avvanzati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni f'dawn il-proceduri dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet

[9] Enfasi tat-Tribunal.

ta’ Malta ma jistghux jigu milqugha. L-interpretazzjoni korretta ta’ l-imsemmi provvediment tal-Ligi hija cara: il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), **ghandu** fi zmien hames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbaghat prospett ta’ l-*income*, u mhux f’terminu ta’ zmien itwal minn anke jekk semplicement ftit granet, **kemm** jahdem **u** jibghat l-istima jew stima addizzjonali lit-*taxpayer* **kif ukoll** jinnotifika dik l-istima jew stima addizzjonali lit-*taxpayer*.

Apparte dan kollu osservat it-Tribunal ulterjorment josserva li l-allegat potenzjal ta’ pregudizzju serju ravvizat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni f’din l-interpretazzjoni ta’ l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta’ Malta – Para. 9 tan-Nota ta’ Sottomissjonijiet ta’ l-Intimat – in verità illum zgur ma jezistix ghaliex l-Artikolu 29(1) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif emendat bl-Att I ta’ l-2010 jipprovdi li *avviz jista’ jkun notifikat lil persuna sew personlament jew billi jintbaghat bil-posta fl-indirizz taghha l-ahhar maghruf tan-negozju jew privat, u ghandu, fl-ahhar kaz, hlief jekk jigi ppruvat il-kuntrarju, jitqies li kien gie notifikat, fil-kaz ta’ persuni residenti f’Malta, mhux aktar tard mit-tielet jum wara l-jum ta’ l-impustar, u fil-kaz ta’ persuni mhux hekk residenti, il-jum ta’ wara l-jum li fih l-avviz kien ikun missu s-soltu wasal bil-posta, u fil-prova ta’ dik in-notifika jkun bizzejjed li wiehed jipprova illi l-ittra li kien fiha l-avviz kienet indirizzata u mpustata kif jixraq: Izda meta dik in-notifika ma ssehhx minhabba li t-taxpayer ma jkunx jista’ jinsab jew minhabba ragunijiet ohra attribwibbli lilu u l-Kummissarju jippubblika avviz fil-Gazzetta u f’xi gurnal wiehed jew iktar ta’ kuljum fejn jiddikjara li dak l-avviz ikun sar u li fih jistieden lit-taxpayer biex imur jigbru mid-Dipartiment, dik in-notifika ghandha wkoll titqies li tkun giet debitament notifikata.*

Trattata s-sottomissjoni dwar l-interpretazzjoni korretta ta’ l-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal se jghaddi issa biex jittratta s-sottomissjoni l-ohra tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), u cioè li fil-kaz in ezami t-terminu ta' hames snin prefiss fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax ghaliex jissussistu l-elementi stabbiliti

fl-Artikolu 31(7) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta, ossia ghaliex ir-Rikorrent ma zvelax fil-prospett ta' l-income tieghu ghas-sena ta' stima 2001 il-fatti materjali kollha rilevanti biex jigi determinat l-*income* tieghu ghal dik is-sena u t-tnaqqis permess u ghaliex bil-ghan li jevita t-taxxa jew bi traskuragni kbira jew konsapevoli baghat lill-Kummissarju propsett ta' l-*income* ghas-sena ta' stima 2001 li ma kienx korrett u kien qarrieqi f'xi aspetti materjali.

Il-Kumissarju tat-Taxxi Interni jissosstanzja din il-pretensjoni tieghu fil-konfront tar-Rikorrent bix-xhieda ta' Neil Piccinino moghtija permezz ta' affidavit li jinsab a fol. 76 sa' 81 tal-process. Minn dan l-affidavit jirrizulta li l-Kummissarju l-opposizzjoni tieghu ghall-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mir-Rikorrent fuq is-sewgenti punti:

• Li fil-prospett ta' l-income ghas-sena ta' stima 2001 ir-Rikorrent inkluda spejjez li ma kienx intitolat ghalihom. Fir-rigward Neil Piccinino jghid *ghas-sena ta' stima in kwistjoni, l-appellant elenka rendikont ta' qligh kapitali minn bejgh ta' forn u talab spejjez ta' improvements, vehicles u equipment b'relazzjoni ma' dan il-bejgh fl-ammonti ta' Lm35,000 (€81,528), Lm28,695 (€66,841) u Lm45,955 (€107,046) rispettivament. Illi fil-fehma tal-Kummissarju, l-appellant XXX ma kienx intitolat ghal spejjez li talab fl-ammonti ta' Lm28,695 (€66,841) bhala spejjez ta' vetturi u ta' Lm45,955 (€107,046) bhala spejjez ta' makkinarju, fil-komputazzjoni ta' bejgh ta' proprjetà immobbli peress li dawn ma kienux spejjez li servew kollha u biss fil-produzzjoni ta' dak l-income ai termini ta' l-artikolu 14(1) ta' l-Att Dwar it-Taxxa fuq l-Income (Kap.123). Illi mill-kuntratt ta' bejgh tal-forn jidher car li l-prezz tat-trasferiment kien jirrigwarda biss it-trasferiment tal-proprjetà immobbli u ma ttiehdux in konsiderazzjoni assi ohra li gew trasferiti minn XXX. Tant hu hekk li l-boll li thallas fuq il-kuntratt ta' trasferiment kien dak ta' Lm7,500 (€17,470.30) u cioè 5% for Lm150,000 (€349,406.01). Dan juri li l-ammont thallas fuq il-prezz tat-trasferiment li ghalih hemm referenza fil-kuntratt ta' bejgh minhabba li l-kuntratt kien jiehu in konsiderazzjoni t-trasferiment tal-proprjetà immobbli. Wiehed irid jinnota li l-boll ai termini*

*tal-Kap.364 ma jithallasx fuq bejgh ta’ makkinarju u vetturi second hand u allura huwa eskluz illi tali ammont kien jinkludi l-imsemmijin makkinarji u vetturi*. *Illi ghalhekk l-ispejjez mitluba ghal makkinarju u vetturi ma kellhomx x’jaqsmu ma’ l-income rikavat ta’ Lm150,000 (€349,406) u ghalhekk ma setghux jintalbu bhala spejjez. Xejn xejn kellha ssir komputazzjoni ohra separata fejn fiha jigi dikjarat l-ammont ta’ bejgh tal-makkinarju u l-vetturi u t-tax written down value jittiehed bhala tnaqqis ghal dawn l-istess assi*;

• Li r-Rikorrent naqas milli jiddikjara dhul ta’ Lm100,000 rapprezentanti l-valur tal-bejgh tar-rimanenti assi mobbli tiegu u cioè l-makkinarju u l-vetturi; u li

• Ir-Rikorrent ghamel qligh minn *goodwill* ta’ Lm52,270 fuq it-trasferiment tan-negozju tieghu, liema *goodwill* huwa taxxabbli ai termini ta’ l-Artikolu 5(1)(a)(ii) tal-Kap.123 – fir-rigward ta’ dawn l-ahhar zewg pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni Neil Piccinino xehed illi *minn investigazzjoni li saret fuq il-kumpannija K.C.V. Bakers Company Ltd (C-25430), liema kumpanija kienet ix-xerreja ta’ dan il-forn, instabet evidenza prima facie fil-kotba taghha li l-appellant seta’ biegh ir-rimanenti assi mobbli u cioè il-makkinarju u l-vetturi, ghall-ammont ulterjuri ta’ Lm100,000 (€232,937). Dan ghaliex K.C.V. Bakers Company Limited nizlu fil-kotba tan-negozju taghhom li sar xiri ta’ forn ghall-ammont ta’ Lm250,000 (€582,343) minn liema ammont, l-ammont ta’ Lm150,000 (€349,406) tnizzel bhala xiri tal-proprjetà immobbli u l-ammont ta’ Lm100,000 (€232,937) ohra gew klassifikati bhala makkinarju. Illi wkoll mill-audit li ghamel il-Kummissarju hawn appellat irrizulta li seta’ kien hemm qligh minn goodwill ta’ Lm57,270 (€133,403) fuq it-trasferiment ta’ dan in-negozju u liema goodwill huwa taxxabbli ai termini ta’ l-artikolu 5(1)(a)(ii) tal-Kap.123. Nghid illi ghalhekk l-appellant XXX naqas milli jiddikjara d-dhul minn bejgh ta’ goodwill, liema dhul huwa taxxabbli, u ghalhekk hawn ukoll mar kontra d-disposizjonijiet ta’ l-Artikolu 31(7)*.

Wara li kkonsidra sew il-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tar-Rikorrent,

it-Tribunal ma huwiex affattu konvint u sodisfatt li fil-kaz in ezami jissussistu l-elementi stipulati fl-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu s-setgha lill-Kummissarju li johrog stima jew stima addizzjonali fil-konfront tat-*taxpayer* f'kull waqt wara z-zmien stipulat skont ma hemm fil-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-rigward tal-konsenja tal-prospett ta' l-*income* ghal sena/snin ta' stima partikolari.

Ma hemmx dubju li s-sitwazzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta jivvizwalizzaw kazijiet fejn it-*taxpayer* ikun agixxa b'*malafede* u b'mod doluz jekk mhux addirittura frawdolenti bl-iskop evidenti li tigi evitata t-taxxa dovuta minnu. Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li l-*malafede*, id-dolo u l-frodi jridu jigu debitament ippruvati u mhux prezunti[10] u l-oneru ta' tali prova jinkombi fuq min jallegaha, ossia fil-kaz in ezami fuq il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Fir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **John Calleja v. Carmelo sive Charles Degiorgio et, Appell Civili Nru. 833/97** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004, fejn gie osservat illi *skond l-Artikolu 532 tal-Kap.16 il-buona fede hi prezunta u min jallega l-mala fede ghandu jipprovaha. Prova din li trid tirrizulta minn cirkostanzi univoci (Vol. XLIII pI p146). "La prova della mala fede si deve desumere da circostanze ineluttabili ed affatto non equivoche" ("Borg v. Grech" 30 ta' Jannar 1869 citata fis-sentenza a Vol. XXIX pII p153). Jinkombi ghalhekk fuq l-attur* (fil-kaz in ezami fuq l-Intimat in kwantu huwa qed jallega l-*malafede* tar-Rikorrent) *l-oneru li jinnewtralizza u jwaqqa' l-principju generali tal-presunzjoni sancit fl-artikolu imsemmi tal-Ligi,* u ghas-sentenza fl-ismijiet **AB v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru. 10/07** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Gunju 2008, fejn gie osservat illi *in tema ta' ligi l-frodi jew id-dolo ma hux att prezunt u jrid jigi pruvat. Ara Artikolu 981(2) tal-Kodici Civili. Anke civiliter din il-prova ghandha tigi supplita b'rigur partikulari u mhux permezz ta' semplici induzzjonijiet jew presunzjonijiet.*

[10] Artikolu 532 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Dan ghaliex, kif ritenut, min jallega d-dolo jrid jipprova li l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li huma gravi u determinanti. Ara "Joseph Mifsud nomine v. Paul Tanti", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Frar 1985. Naturalment, u b'danakollu, il-fatt illecitu jista' jigi muri b'kull mezz rikonoxxut mill-Ligi.*

It-Tribunal josserva li ghalkemm is-sentenza fl-ismijiet **AB v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru.10/07** kienet tittratta dwar l-Artikoli 30(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, il-principji hemm enuncjati japplikaw ukoll ghall-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta li fil-fehma tieghu huwa l-provvediment legali korrispettiv ghal dak enuncjat fl-Artikolu 30(5) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' prospett ta' l-*income* ghas-sena ta' stima 1999 jew snin sussegwenti.

Meta l-prova mressqa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-kaz in ezami tigi ikkunsidrata fid-dawl tal-principji guridici appena citati jirrizulta b'mod car li l-istess Kummissarju naqas milli jipprova b'mod sodisfacenti li r-Rikorrent volutament u b'*mala fede* naqas milli jiddikjara fil-prospett ta' l-*income* tieghu ghas-sena ta' stima 2001 fatti materjali ghad-determinazzjoni ta' l-*income* tieghu u tnaqqis permezz bl-iskop li jevita li jhallas it-taxxa minnu dovuta.

Fl-affidavit tieghu Neil Piccinino jishaqq li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu prova *prima facie* ta' dan l-agir qarrieqi u b'*mala fede* tar-Rikorrent u l-istess Rikorrent ma ressaq ebda prova li tikkontradici tali evidenza *prima facie* li kellu l-Kummissarju. Fil-fehma tat-Tribunal però l-evidenza li l-Kummissarju jghid li ghandu fil-konfront tar-Rikorrent lanqas tista' titqies li tilhaq il-livell ta' *prima facie* ghaliex hija kompletament imsejsa fuq semplici induzzjonijiet u presunzjonijiet li frankament lanqas biss iregu.

It-Tribunal josserva li ghalkemm huwa principju stabbilit li f'cirkostanzi bhal dik in ezami l-Kummissarju ghandu almenu jipprova li kellu *prima facie* raguni biex jifforma l-fehma li kien hemm qerq u/jew mala fede da parte tat-

*taxpayer* bl-iskop li jevita li jhallas it-taxxa dovuta minnu, il-Kummissarju ghandu l-obbligu u l-oneru mhux li jipprova biss li kellu ragun imma li l-istima tieghu fil-konfront tat-*taxpayer* ma saritx kappricjozament – prova din ferm iktar determinanti meta l-effett ta' l-affermazzjoni tal-Kummissarju fil-konfront tat-*taxpayer* tinvolvi t-telfien tal-jedd ta' l-istess *taxpayer* li jinvoka favur tieghu l-preskrizzjoni jew ahjar il-perentorjetà tal-Likwidazzjoni tat-taxxa. Din l-osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, **Kawza Nru. 159b** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Jannar 1992[11], fejn inghad illi *jekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinvoka d-dritt tieghu li allavolja jkunu ghaddew aktar minn tmien snin huwa xorta johrog Likwidazzjoni addizzjonali fit-termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.123, it-taxpayer ghandu dritt jitlob li l-istess Kummissarju almenu jipprova li kellu prima facie raguni biex jifforma fehma li kien hemm qerq jew evazjoni skond il-kaz. <u>Jidher mill-ligi li l-oneru tal-prova f'kazijiet normali jaqa' fuq it-taxpayer, però f'kazijiet fejn isiru Likwidazzjonijiet oltre l-perijodu preskrittiv il-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhal ma gie deciz minn din il-Qorti fil-kaz Nru.81 fil-31 ta' Mejju 1971 jista' jigi miltub jipprova li verament ifforma l-fehma li kien hemm qerq jew evazjoni u fuq liema bazi wasal ghaliha. M'ghandux l-oneru li jipprova li ghandu ragun izda li ma wasalx ghall-Likwidazzjoni kapriccozament</u>*[12]. Mill-gdid jigi ribadit li ghalkemm din is-sentenza inghatat fil-kuntest ta' l-Artikolu 30 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, il-principji hemm enuncjati ghandhom japplikaw ghall-Artikolu 31 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta li kif inghad huwa l-artikolu korrispettiv ghall-Artikolu 30 ghal dak li jirrigwarda prospetti ta' l-*income* ghas-sena ta' stima 1999 u snin sussegwenti.

Il-prova li ressaq il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma tissodisfax il-kriterji mehtieg biex jitqies li huwa ssodisfa l-oneru impost fuqu f'cirkostanzi bhal dik in ezami, u dana ghas-segwenti ragunijiet:

---

[11] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 4 pg. 358 sa' 368.
[12] Sottolinear tat-Tribunal.

• Jibda biex jigi osservat li l-fatt li r-Rikorrent seta' nizzel fil-prospett ta' l-*income* tieghu ghas-sena ta' stima 2001 spejjez assocjati mat-trasferiment ta' proprjetà tul is-sena bazi 2000 li skond il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma setghux jintalbu – fatt dan fi kwalunkwe kaz kontestat mir-Rikorrent – ma huwiex fih innifsu prova – lanqas sa' livell *prima facie* – ta' qerq u/jew *mala fede* da parte tar-Rikorrent bl-iskop li jigi evitat il-hlas ta' taxxa dovuta minnu. Dana l-fatt johrog car anke minn dak dikjarat minn Neil Piccinino stess fir-rigward u cioè li *nghid li l-ispejjez mitluba ghal makkinarju u vetturi ma kllehomx x'jaqsmu biex jigi rikavat l-income ta' Lm150,000 u ghalhekk ma setghux jintalbu bhala spejjez. Xejn xejn kellha issir komputazzjoni ohra separata fejn fiha jigi dikjarat l-ammont ta' bejgh tal-makkinarju u l-vetturi u t-tax written-down value bhala tnaqqis ghal dawn l-istess assi*[13];

• Huwa ferm kurjuz u addirittura dubjuz kif il-Kummissarju wasal ghall-konkluzzjoni – imqar fuq bazi *prima facie* – li fis-sena bazi 2000 ir-Rikorrent biegh ir-rimanenti assi mobbli tieghu – u cioè makkinarju u vetturi – ghall-ammont ta' Lm100,000 liema ammont naqas milli jiddikjarah fil-prospett ta' l-*income* tieghu ghas-sena ta' stima 2001. Huwa veru li mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool datat 16 ta' Novembru 2001[14] jirrizulta li in konnessjoni man-negozju suggett ta' dak il-kuntratt is-socjetà kompratrici K.C.V. Bakers Company Limited hadet b'self minghand il-Bank is-somma ta' Lm250,000 izda jirrizulta wkoll – fatt dan ghal kollox injorat mill-Kummissarju – li s-self kellu jintuza b'dan il-mod: *whereas the customer company has requested the Bank to grant it on loan the sum of two hundred and fifty thousand Maltese Liri (Lm250,000), hereinafter to be referred to as the loan, out of which the amount of one hundred thousand Maltese Liri (Lm100,000) the customer company delegates the Bank, which accepts to pay unto the vendors later on upon this deed* (ir-Rikorrent u martu) *as part of the purchase price of the hereunder described immovable in terms of section two thousand and ten of the civil Code of the Laws of Malta (S.2010), the remainder are to be used as for the amount of seventy*

---

[13] Sottolinear tat-Tribunal.
[14] Dok. "JSN04" anness man-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent.

*thousand seven hundred and fourteen Maltese liri and sixty two cents (Lm70,714.62) to settle Bank of Valletta p.l.c. later on upon this deed, the rest for the customer company's personal commitments…*[15].

Mill-kuntratt jirrizulta ghalhekk li mis-somma ta' Lm250,000 li s-socjetà K.C.V. Bakers Company Limited ssellfet kien hemm biss l-ammont bilancjali ta' Lm79,285.38 li dik is-socjetà setghet tuza ghall-*personal commitments* taghha. Dana però ma jfissirx jew ma jistghax iwassal ghall-konkluzzjoni, imqar *prima facie*, li dak l-ammont jew ammont ikbar – kif allegat mill-Kummissarju – thallas lir-Rikorrent ghall-makkinarju u vetturi tieghu. In effetti l-awdituri ta' l-imsemmija socjetà spjegaw l-entrata ta' Lm100,000 ghal *Tfr to machinery* fil-kotba tas-socjetà bil-mod segwenti: *the fixed assets of Lm75,000 and Lm25,000 represent cost of second hand plant and motor vehicles acquired either from the previous bakery owners or from other sources. These were paid for from bank loan facility and a copy of this is attached. No documentary evidence could be found at the time of our writing up the accounts late in 2001 although we did compile a plant register with full details, a copy of which is attached. The values of these assets was determined based on the experience of the directors*. Kif il-Kummissarju fuq din il-kwalità ta' informazzjoni li la hija kompluta u wisq inqas konkreta ikkonkluda – imqar fuq bazi *prima facie* – li r-Rikorrent thallas minghand is-socjetà K.C.V. Bakers Company Limited is-somma ta' Lm100,000 ghall-vetturi u makkinarju, liema somma ma gietx minnu dikjarata fil-propsett ta' l-*income* ghas-sena ta' stima 2001, huwa ghal kollox inkoncepibbli.

• Huwa daqstant iehor kurjuz u dubjuz kif il-Kummissarju wasal ghall-konkluzzjoni li fis-sena bazi 2000 ir-Rikorrent ittrasferixxa l-*goodwill* tan-negozju tieghu u li minn tali trasferiment dahhal is-somma ta' Lm57,270 li ukoll naqas milli jiddikjaraha fil-prospett ta' l-*income* tieghu ghas-sena ta' stima 2001. Kull ma jghid Neil Piccinino fir-rigward huwa li *mill-assessment li ghamel il-Kummissarju*

[15] Sottolinear tat-Tribunal.

*rrizulta wkoll li seta' kien hemm Lm57,270 bhala goodwill mill-bejgh ta' dan in-negozju. Liema goodwill huwa taxxabbli taht l-Artikolu 5(1)(a)(ii) ta' l-Att dwar Taxxa Fuq l-Income, Kap. 123.* Ghalkemm gieipprezentat il-*Capital Gains Computation* mahdum mid-Dipartiment a fol. 52 tal-process u mill-gdid a fol. 64 tal-process, il-fatt li Neil Piccinino iddikjara li *seta' kien hemm Lm57,270 bhala goodwill mill-bejgh ta' dan in-negozju* juri bic-car li l-Kummissarju – kuntrarjament ghal dak minnu mistenni – ibbaza il-konkluzjoni tieghu fuq semplici induzzjonijiet jew presunzjonijiet. Jigi osservat li ghalkemm fil-*Capital Gains Computation* dwar il-*Business Goodwill* il-Kummissarju jaghmel refrenza ghal *TCU Info* din l-informazzjoni baqghet ma gietx ipprezentata quddiem it-Tribunal u ghalhekk dak li effettivament jirrizulta huwa li f'dan il-kaz il-Kummissarju iktar wasal ghall-konkluzjoni tieghu fuq semplici induzzjonijiet jew presunzjonijiet milli affarijiet ohra.

F'tali rigward it-Tribunal mill-gdid jaghmel referenza ghall-proceduri **AB v. Kummissarju tat-Taxxi Interni, Appell Nru. 10/07** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Gunju 2008 u senjatament ghad-decizjoni tal-Bord ta' Kummissarju Specjali pronuncjata fl-24 ta' Ottubru 2007 – liema decizjoni giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell – fejn il-Bord *inter alia* osserva li *ezercizji purament numerarji (akkurati u ragjunati tajjeb, izda mhux sostnut minn evidenza dokumentata) mhumiex bizzejjed biex isostnu t-tezi ta' frodi u/jew evazjoni, li mbaghad kienet tkun hi li, f'dan il-kuntest, trid twaqqa l-posizzjoni ta' l-appellant fl-invokazzjoni tieghu tal-preskrizzjon ai termini ta' l-Artikolu 30(5).*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jigi ribadit li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li fil-kaz in ezami jissussistu l-elementi kontemplati fl-Artikolu 31(7) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtuh il-jedd li jaghmel stima jew stima addizzjonali f'kull waqt wara z-zmien stipulat skond ma hemm fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa a rigward tal-konsenja tal-prospett ta' l-*income* ghal dik is-sena. Ghaldaqstant

Iadarba jirrizulta li l-istima tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward tas-sena ta' stima 2001 inharget fil-konfront tar-Rikorrent fl-20 ta' Dicembru 2006 izda giet notifikata lilu fil-5 ta' Jannar 2007, ossia oltre t-terminu ta' hames snin previst fl-Artikolu 31(6) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, isegwi li dik l-istima hija perenta u b'hekk l-ewwel aggravju sollevat mir-Rikorrent jirrizulta gustifikat.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa' l-ewwel aggravju sollevat mir-Rikorrent u filwaqt li jiddikjara li l-istima ghas-sena ta' stima 2001 mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-konfront tar-Rikorrent hija perenta, jannulla u jikkancella l- Likwidazzjoni ta' Taxxa ghas-sena ta' stima 2001 mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mid-Direttur Generali (Taxxi Interni).

A tenur ta' l-Artikolu 35(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta t-Tribunal jordna li Avviz ta' din id-decizjoni ghandu jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li ghandu jordna li kopja ta' l-istess Avviz tigi notifikata jew personalment jew bil-post registrata lir-Rikorrent u ghandu jinforma lill-istess Rikorrent bid-drittijiet tieghu ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------